Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 t'Awwissu 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 657/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Versus**

**Ahmed Lazoumi**
**(415687M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ahmed Lazoumi**, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 355399M u residenti gewwa 11, Triq Salvu Psaila Birkirkara, akkuzat;

1. Talli fis-16 t'April 2023 għal ħabta ta' bejn l-12:45 Hrs u l-13:30Hrs ta' wara nofsinhar ġewwa Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, Naxxar u fl-akwati tal-madwar ikkommetta serq ta' oggetti, flus kontanti u vettura minn fuq il-persuna ta' James Briffa liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu tal-istess James Briffa u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entatitajiet ohra.

2. Talli fis-16 t'April 2023 għal ħabta ta' bejn l-12:45 Hrs u l-13:30Hrs ta' wara nofsinhar ġewwa Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, Naxxar u fl-akwati tal-madwar bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew

issekwestra lil James Briffa kontra l-volonta' tieghu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex jkun mgiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejjigu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-23 t'Awwissu 2023 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 265, 267, 271(g), 275, 277(b), 278(3), 280(2), u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti lill-imputat l-ghajnuna kollha necessarja kemm medika kif ukoll psikologika necessarja sabiex l-imputat jeghleb il-vizzju tad-droga.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**